II

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Novembru 2006

li tirrevoka ċerti atti ta' implimentazzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel u r-regoli sanitarji li jmexxu l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem

(innotifikata taħt id-dokument numru C(2006) 5175)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/765/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jiffissa r-regoli speċifiċi ta' l-iġjene applikabbli għall-oġġetti ta' l-ikel li joriġinaw mill-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jiffissa r-regoli speċifiċi ta' organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali li jikkonċernaw il-prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-regoli sanitarji u ta' politika sanitarja li jmexxu l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali huma ffissati fir-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 rigward l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel ([3]), (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004. ;

(2) Id-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) irrevokat ċerti direttivi li għandhom x'jaqsmu ma' l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel u r-regoli sanitarji li jmexxu l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum tal-bniedem u barra minn hekk speċifikat li l-miżuri ta' implimentazzjoni meħudha fuq il-bażi ta' dawn it-testijiet li jibqgħu fis-seħħ sakemm ma jinbidlux b'test ieħor. Minħabba raġunijiet ta' sigurtà ġuridika, jinthieġ li tinbeda revoka formali tal-miżuri ta' implimentazzjoni li ġew mibdula effettivament b'mod partikolari bl-atti li ġejjin:

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 rigward il-kriterji mikrobjoloġiċi applikabbli għall-oġġetti ta' l-ikel ([5]),

— ir-Regolament (KE) Nru 2074/2005 tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi l-miżuri ta' implimentazzjoni li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti prodotti kkontrollati mir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali stipulati mir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwassal għal deroga għar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jemenda r-Regolamenti (KE) Nru° 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 ([6]);

— ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jiffissa r-regoli speċifiċi li japplikaw għall-kontrolli uffiċjali li jikkonċernaw il-preżenza tat-*Trichinella* fil-laħam ([7])

([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55. Verżjoni kkoreġurta mill–ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83).

([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206. Verżjoni kkoreġurta mill-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005

([3]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni kkoreġurta mill-ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.

([4]) ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33. Verżjoni kkoreġuta mill-ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12.

([5]) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1.

([6]) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 27.

([7]) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 60.

(3) Ir-Regolamenti msemmija hawn fuq daħlu fis-seħħ fil-11 ta' Jannar 2006;

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/371/KE ta' l-20 ta' Ġunju 1994 li tistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet sanitarji speċifiċi dwar it-tqegħid fuq is-suq ta' ċerti tipi ta' bajd ([1]) ġiet adottata mill-Kunsill wara l-opinjoni sfavorevoli tal-Kumitat veterinarju. Madankollu, il-Kummissjoni żżomm il-ħila ta' twettiq tagħha;

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DECIZJONI:

Artikolu 1

Id-Direttivi u d-Deċiżjonijiet li ġejjin ġew irrevokati fil-11 ta' Jannar 2006:

1. Id-Direttiva tal-Kummissjoni 83/201/KEE tat-12 ta' April 1983 li tistabbilixxi d-derogi tad-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE għal ċerti prodotti li jkollhom oġġetti ta' l-ikel oħra u persentaġġ żgħir biss ta' laħam jew prodott tal-laħam ([2]).

2. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 84/371/KEE tat-3 ta Lulju 1984 li tistabbilixxi l-karatteristiċi tal-marka speċjali għal-laħam frisk imsemmi fl-Artikolu 5(a) tad-Direttiva 64/433/KEE ([3]).

3. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 87/260/KEE tat-28 ta April 1987 li tagħti ([4]) deroga lill-Olanda u tiffissa l-kondizzjonijiet ekwivalenti tas-saħħa li għandhom ikunu rrispettati għat-tqattigħ ta' laħam frisk ([5]).

4. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 87/266/KEE tat-8 ta' Mejju 1987 li tirrikonoxxi li l-iskema ta' l-eżami mediku ta' l-impjegati mibgħuta mill-Olanda toffri garanziji ekwivalenti ([6]).

5. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 87/562/KEE ta' l-24 ta' Novembru 1987 li tagħti deroga lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ekwivalenti tas-saħħa li għandhom ikunu rrispettati rigward it-tqattigħ ta' laħam frisk ([7]).

6. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/235/KEE tas-7 ta' Marzu 1998 li tagħti deroga lid-Danimarka u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa ekwivalenti li għandhom jiġu rrispettati fil-każ tat-tqattigħ tal-laħam frisk ([8]).

7. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 88/363/KEE tat-13 ta' Ġunju 1988 li tikkonċedi deroga lir-Renju Unit u tiffissa l-kondizzjonijiet tas-saħħa ekwivalenti li jridu jiġu rrispettati rigward it-tqattigħ tal-laħam frisk ([9]).

8. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/30/KEE ta' l-10 ta' Jannar 1990 li tagħti deroga lil Spanja u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ekwivalenti tas-saħħa li għandhom ikunu rrispettati rigward it-tqattigħ ta' laħam frisk ([10]).

9. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/31/KEE ta' l-10 ta' Jannar 1990 li tagħti deroga lil Franza u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ekwivalenti tas-saħħa li għandhom ikunu rrispettati għat-tqattigħ tal-laħam frisk ([11]) .

10. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/469/KEE tal-5 ta' Settembru 1990li tagħti deroga lill-Italja u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ekwivalenti tas-saħħa li għandhom ikunu rrispettati dwar it-tqattigħ tal-laħam frisk ([12]).

11. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 90/514/KEE tal-25 ta' Settembru 1990 li tagħraf li l-iskema ta' l-eżami mediku tal-persunal ippreżentata mid-Danimarka toffri garanziji ekwivalenti ([13]) .

12. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/92/KEE tat-9 ta' Jannar 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet ta' tagħmir u strutturi taċ-ċentri ta' kunsinna u ta' purifikazzjoni tal-molluski bivalvi ħajjin, tista' tkun suġġetta għal derogi ([14]).

13. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/140/KEE tad-19 ta' Jannar 1993 li tippreskrivi regoli dettaljati rigward l-ispezzjoni viżiva għall-iskop tas-sejbien ta' parassiti fil-prodotti tas-sajd ([15]).

14. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/14/KE tal-21 ta' Diċembru 1993 li tistabbilixxi lista ta' stabbilimenti tal-Komunità li lilhom tingħata deroga temporanja u limitata għar-regoli Komunitarji tas-saħħa speċifiċi għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni tal-laħam frisk ([16]).

15. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/92/KE tas-17 ta' Frar 1994 rigward l-għajnuna finanzjarja tal-Komunità għat-tħaddim tal-laboratorju Komunitarju ta' referenza għall-bijotossini ta' l-ibħra (Laboratorio del Ministerio de Sanidad y Consumo, Vigo, Spanja) ([17]).

([1]) ĠU L 168, 2.7.1994, p. 34.
([2]) ĠU L 112, 28.4.1983, p. 28.
([3]) ĠU L 196, 26.7.1984, p. 46.
([4]) ĠU L 168, 2.7.1994, p. 34.
([5]) ĠU L 123, 12.5.1987, p. 8.
([6]) ĠU L 126, 15.5.1987, p. 20.
([7]) ĠU L 341, 3.12.1987, p. 35.
([8]) ĠU L 105, 26.4.1988, p. 20.
([9]) ĠU L 177, 8.7.1988, p. 57.
([10]) ĠU L 16, 20.1.1990, p. 35.
([11]) ĠU L 16, 20.1.1990, p. 37.
([12]) ĠU L 255, 19.9.1990, p. 16.
([13]) ĠU L 286, 18.10.1990, p. 29.
([14]) ĠU L 34, 11.2.1992, p. 34.
([15]) ĠU L 56, 9.3.1993, p. 42.
([16]) ĠU L 14, 17.1.1994, p. 1.
([17]) ĠU L 46, 18.2.1994, p. 63.

16. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/356/KE ta' l-20 ta' Mejju 1994 li tniżżel regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE, rigward kontrolli proprji tas-saħħa fuq prodotti tas-sajd ([1]).

17. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/371/KE ta' l-20 ta' Ġunju 1994 li tistabbilixxi ċerti kondizzjonijiet sanitarji speċifiċi dwar it-tqegħid fuq is-suq ta' ċerti tipi ta' bajd ([2]).

18. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/383/KE tat-3 ta' Ġunju 1994 dwar il-kriterji li għandhom ikunu applikati lill-istabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti tal-laħam mingħajr ma jkollhom struttura industrijali jew kapaċità ta' produzzjoni industrijali ([3]).

19. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 Diċembru 1994 li tippreskrivi l-kondizzjonijiet speċjali għall-approvazzjoni ta' ċentri għat-tgeżwir mill-ġdid imsemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE u regoli għall-*marketing* tal-prodotti minnhom ([4]) .

20. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/149/KE tat-8 ta' Marzu 1995 li tiffissa l-limiti tal-valuri tat-total tan-nitroġenu volatili bażiku (TVB-N) għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd u li tispeċifika l-metodi ta' l-analiżi li għandhom jintużaw ([5]).

21. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/165/KE ta' l-4 ta' Mejju 1995 li tistabbilixxi kriterji uniformi għall-għoti ta' derogazzjonijiet lil ċerti stabbilimenti li jimmanifatturaw prodotti magħmula mill-ħalib ([6]).

22. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/536/KE tad-29 ta' Lulju 1996 li tistabbilixxi l-lista ta' prodotti magħmula mill-ħalib li għalihom l-Istati Membri huma awtorizzati biex jagħtu derogi individwali jew ġenerali skond l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 92/46/KEE u t-tip ta' derogi li japplikaw għall-manifattura ta' dawk il-prodotti ([7]).

23. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/658/KE tat-13 ta' Novembru 1996 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċjali sabiex jiġu approvati l-istabbilimenti lokati fis-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa ([8]).

24. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/470/KE tad-9 ta' Lulju 1998 li timplementa d-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE f'dak li jirrigwardja l-informazzjoni dwar il-verifiki veterinarji ([9]).

25. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/471/KE tat-8 ta' Ġunju, 2001 li tistabbilixxi regoli għall-kontroll regolari fuq l-iġjene ġenerali miżmuma mill-operaturi ta' stabbilimenti skond id-Direttiva 64/433/KEE dwar il-kundizzjonijiet sanitarji għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' laħam frisk u d-Direttiva 71/118/EEC fuq problemi li jolqtu l-problemi sanitarji għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskambju ta' laħam frisk ta' tajr domestiku ([10]).

26. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/225/KE tal-15 ta' Marzu 2002 li twaqqaf regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE rigward il-limiti massimi u l-metodi ta' analiżi ta' ċerti bijotossini marini f'molluski b'żewġ valvoli, ekinodermi, tunikati u gasteropodi marini ([11]).

27. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/477/KE ta' l-20 ta' Ġunju, 2002, li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ta' saħħa pubblika għal-laħam frisk u laħam frisk tat-tjur importati minn pajjiżi terzi, u li temenda d-Deċiżjoni 94/984/KE ([12]).

28. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/380/KE tat-22 ta' Mejju 2003 li tagħti lill-Iżvezja deroga mid-Direttiva tal-Kunsill 64/433/KEE u tistabbilixxi l-kondizzjonijiet ekwivalenti tas-saħħa li għandhom ikunu rrispettati fir-rigward tat-tqattigħ ta' laħam frisk ([13]).

29. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/774/KE tat-30 ta' Ottubru 2003 li tapprova ċerti trattamenti biex timpedixxi l-iżvilupp ta' mikro-organiżmi patoġeniċi f'molluski bivalvi u gastropodi marini ([14]).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar is-6 ta' Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 156, 23.6.1994, p. 50.
([2]) ĠU L 168, 2.7.1994, p. 34.
([3]) ĠU L 174, 8.7.1994, p. 33.
([4]) ĠU L 352, 31.12.1994, p. 15.
([5]) ĠU L 97, 29.4.1995, p. 84.
([6]) ĠU L 108, 13.5.1995, p. 84.
([7]) ĠU L 230, 11.9.1996, p. 12.
([8]) ĠU L 302, 26.11.1996, p. 22.
([9]) ĠU L 208, 24.7.1998, p. 54.
([10]) ĠU L 165, 21.6.2001, p. 48.
([11]) ĠU L 75, 16.3.2002, p. 62.
([12]) ĠU L 164, 22.6.2002, p. 39.
([13]) ĠU L 131, 28.5.2003, p. 18.
([14]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 78.